A.L. 63 ta' l-2006

ATT TA' L- 2005 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2005)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm15,000,000 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (It-Tieni Ħruġ)

Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm15,000,000 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (II) jiġi maħruġ kif ġej:-

Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. (a) Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.

(b) Fis-27 ta' Mejju, 2006, wara l-pagament ta' l-ewwel mgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (II) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* hi ta' Lm15,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tingħabar b'massimu ta' Lm10,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.40,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-26 ta' Frar u fis-26 ta' Novembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn it-28 ta' Marzu, 2006 u s-26 ta' Mejju, 2006 jsir fis-26 ta' Mejju, 2006.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-26 ta' Novembru, 2016.